**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**John Mary Bonavia**

**Illum 1 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Mary Bonavia ta' 37 sena, bin Joseph (mejjet) u Carmela nee' Spiteri, imwieled iz-Zejtun, fit-03 ta' Settembru 1974, residenti 5, Triq it-Tavlin, Sqaq numru 1, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 551274(M):

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Arriva Malta Limited.

Aktar talli kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 billi kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 11/10/2011.

Talli huwa recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi gie misjub hati mill-Qrati ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'approprjazzjoni indebita filwaqt li huwa kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija Arriva Malta Limited u konsegwentement li kiser liberta kundizzjonata u li huwa recediv.

Inkwantu ghall-approprjazzjoni indebita fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** [1] il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

[1] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

L-awtur Francesco Antolisei jikteb:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole**[2] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li :

*"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-nonrestituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo.* ***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.*** *Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole"*[3].

---

[2] 23 ta' Dicembru 2003
[3] The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien impjegat bhala xufier mal-kumpanija Arriva Malta Limited. Huwa beda jahdem mal-kumpanija mit-3 ta' Lulju 2011 sa nofs Dicembru tal-istess sena. Kien hemm perjodu qasir fejn l-imputat ma dahalx xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha.

Hekk kif jemergi mill-provi, filghodu x-xufier jirrapporta d-depot, jinghata r-rotta jew rotot. Waqt li jkun ghaddej bil-vjaggi jehtieg li jbiegh il-biljetti lill-passiggiera, jigbor il-flus u meta jispicca filghaxija jew ibiddel il-vettura huwa jkun irid jaghmel 'closed shift' fuq it-ticketing machine u ta' dik il-gurnata jkun hemm Z reading. Fl-ahhar tal-gurnata x-xufier ghandu d-dover li l-flus li jkun gabar mill-bejgh tal-biljetti u li jaqblu mal-ammont tal-'closed shift' ghandhom jigu depozitati fil-magna provduta mill-kumpanija ghal dan il-ghan. Ix-xufier tinhariglu ircevuta ta' l-ammont li jkun iddepozita u s-somma tkun assenjata lil pin number tieghu. Gie spjegat li kull xufier inghata pin number u kellu wkoll password. Fil-bidu tas-shift ix-xufier kien mehtieg jinserixxi l-pin tieghu fit-ticketing machine u kull biljett li jinhareg ikun indikat u jirrizulta miz-Z reading. Dan il-pin code kellu jintuza' biss minn dak ix-xufier partikolari.

Hekk kif xehed Patrick Cassar, financial director tal-kumpanija, spjega li fuq bazi regolari kienet issir reconciliation tal-flus tax-xufiera ossija tal-biljetti li kienu jinbieghu mix-xufiera u tal-flus li kienu jigu depozitati. Fil-kaz tal-imputati sabu li kien hemm diskrepanza ta' aktar minn €5,000. Il-kumpanija kelmitu u gie muri l-informazzjoni li kellhom. Inghata cans sabiex jaghmel il-verifiki tieghu izda huwa ma qabilx maghhom u ghalhekk ma baqax imur aktar xoghol ghalkemm l-imputat isostni li ma baqax imur minhabba li kellu jiehu hsieb genitur tieghu.

Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li fl-ewwel xahrejn li l-imputat beda jahdem mal-kumpanija ma sar l-ebda depozitu min-naha tieghu. Imbaghad bdew isiru depoziti fix-xhur ta' wara izda bin-nieqes. Gie spjegat ukoll li billi fil-bidu tas-servizz kien hemm diversi problemi u kien ghalhekk li l-kumpanija bdiet iddur l-istatements tax-xufiera f'Settembru/Ottubru 2011 u lill-imputat baghtu ghalih f'Dicembru. Kemm Patrick Cassar kif ukoll Carmen Galea jixhdu li hekk kif talbu lill-imputat biex ihallas il-flus li ma ddepozitax waqaf mix-xoghol.

L-imputat dejjem cahad kategorikament li huwa ma ddepozitax il-flus. Huwa jirreferi ghall-fatt li kien hemm min beda juza' l-pin number ta' xufier iehor, li kien ikun hem kju kbir fl-ahhar tal-gurnata biex jiddepozita l-flus u l-fatt li kien hemm anki zmien meta l-passiggiera ma hallsux ghall-biljetti.

Mix-xhieda in kontro-ezami ta' Patrick Cassar jirrizulta li verament kien hemm xufiera li abbuzaw u wzaw in-numri ta' haddiehor ghal gwadann taghhom izda inkwantu ghal dawn l-individwi kienu ttiehdu passi fil-konfront taghhom. L-istess Cassar xehed ukoll li nonostante li l-magni biex ix-xufiera jiddepozitaw il-flus fihom mhux kollha a disposizzjoni mill-bidu huma setghu jiddepozitaw ghand il-kaxxiera. Inkwantu ghal xi zmien meta l-passiggiera ma hallsux ghall-biljetti dan ifisser li ma kienx jinhargilhom biljett u kwindi ma gie registrat l-ebda bejgh ta' biljett fiz-Z reading li seta' sar u ghalhekk f'dak il-kaz la ma kienx hemm dhul ma kien ebda ammont x'jigi depozitat mill-imputat. Inoltre' filwaqt li huwa minnu li l-imputat ghamel zmien barra mix-xoghol mid-dokumenti jirrizulta li fil-fatt kien hem perjodu fejn l-imputat ma dahalx xoghol u dan kien bejn l-14 ta' Awwissu 2011 u l-21 ta' Settembru 2011. Kwindi anki l-argument tal-imputat li kien hemm xufiera li wzaw il-pin number tieghu anki meta ma kienx xoghol jixxejjen ghaliex fiz-zmien li ma dahalx m'hemmx inkluzjoni ta' bejgh ta' biljetti. Din l-ahhar asserzjoni tal-imputat lanqas sal-grad tal-probabbli ma giet ippruvata.

Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi. Mid-dokumenti in atti jirrizulta li l-imputat li kellu pin number assenjat lilu meta kien xoghol biegh biljetti, gabar il-flus u nonostante li kien obbligat li dawk il-flus jiddepozitahom jew permezz tal-magna jew kaxxier huwa naqas li jaghmel dan. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument, l-imputat seta' kellu ragun li ma jiddepozitax il-flus fl-ahhar xift jew fl-ahhar tal-gurnata kien fl-obbligu li l-ghada jiddepozitahom jew almenu meta ntalbu lilu mill-ufficjali tal-kumpanija. Kif ukoll irrizulta mix-xhieda, il-magni jew il-kaxxier kienu jaghtu ircevuti meta jsir id-depozitu. L-imputat isostni li huwa qatt ma zamm flus ghandu. Madankollu l-ebda riferenza ghal xi ircevuti m'ghamel waqt li ta d-deposizzjoni tieghu. Is-sistema tal-kumpanija verament ma kinitx funzjonanti mill-bidu izda dan ma jaghtix lok li l-imputat ikun mehlus u dan billi d-dokumenti ezebiti mix-xhieda huma cari u ma jhallu l-ebda dubju li l-imputat ircieva flus minn bejgh tal-biljetti tal-kumpanija Arriva Malta

Lmited li kien fl-obbligu li jrodd lill-istess kumpanija u dan m'ghamlux.

Mid-dokumenti jirrizulta li l-ammont li l-imputat ma ddepozitax huwa ta' €5,824.60[4].

Illi t-tieni imputazzjoni hija li l-imputat kiser il-liberta' kundizzjonata li huwa ma kellux jikkommetti reat waqt il-perjodu ta' tlett snin moghtija lilu permezz ta' sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2011. Il-Prosekuzzjoni ezebit vera kopja fotostatika tal-komparixxi inkwistjoni[5] li fuqha kull ma hem huwa notament tal-piena. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma gietx ippruvata billi ma ngabitx l-ahjar prova tas-sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat. Inoltre'f'dawk il-proceduri l-imputat kien akkuzat b'serq semplici b'valur ta' anqas minn €23.29 u b'ragion fattasi. Madankollu mis-sentenza ezebita ma jirrizultax l-imputat instabx hati taz-zewg imputazzjonijiet jew ta' imputazzjoni wahda biss u kwindi din il-Qorti anki f'dawn ic-cirkostanzi ma setghetx titratta mal-imputat ghal dan il-ksur.

Inkantu ghall-addebitu tar-recediva giet ezebita biss is-sentenza surriferita fil-paragrafu precedenti. Kwindi lanqas dan l-addebitu ma gie ippruvat.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fedina penali tal-imputat li ghalkemm mhix wahda netta mhux allarmanti kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Illi fic-cirkostanzi sentenza sospiza ma tistax tinghata billi r-reat sar waqt il-perjodu ta' liberta' kundizzjonata. Din il-Qorti tqis izda li m'ghandhix timponi sentenza ta' prigunerija effettiva inkwantu ghalkemm ir-reat huwa wiehed serju, l-imputat ghandu jinghata opportunita' ohra sabiex verament jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk se timponi sentenza sospiza u fl-istess hin jigi ordnat ihallas l-ammont minnu mizapproprjat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18)

[4] Dok CG a fol 143 et seq tal-process
[5] Dok JF 3 a fol 19 tal-process.

priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tlett (3) snin.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tordna lil John Mary Bonavia jħallas l-ammont ta' €5,824.60 lill-parte leża jew successur tagħha u dan fi żmien sitt (6) xhur.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni għal ħlas ta' esperti billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv u f'każ li ma jħallasx l-ammont dovut.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat